MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR GHAWDEX

## GUDIKATUR DR. MERCIECA GRAZIO

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 55/2002/1

**Joseph Cassar**
**U b'nota tat-28 ta' Novembru 2002**
**Dr. Michael Grech assuma l-atti sabiex jidher ghall-assenti**
**Joseph Cassar**

**vs**

**Edith Bruhl**
**U b'digriet tat-18 ta' Gunju 2002 giet kjamata fil-kawza**
**Laferla Insurance Agency Limited**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Ill fis-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn u wiehed (2001) waqt li l-attur kien qed isuq vettura tal-marka Daihatsu bin-numru ta' registrazzjoni GAM-998 fi Triq San Leonardu, Victoria, Ghawdex proprjeta' tieghu, huwa kien

involut f'incident stradali ma' vettura tal-marka Honda bin-numru ta' registrazjoni AAL-379 misjuqa mill-konvenuta.

Illi dan l-incident sehh minhabba imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku fis-sewqan da parti tal-konvenuta.

Illi d-danni sofferti mill-attur jammontaw ghal tmien mija u tnejn u sittin lira Maltija (Lm862) rapprezentanti hlas ghal tiswijiet komprizi parts, xoghol u spray.

Illi ghalkemm interpellata diversi drabi, l-konvenuta naqset li tersaq ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha sofferti minnu konsegwenza ta' tali incident.

Illi l-attur qed jitlob li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallas dan il-bilanc flimkien ma' l-ispejjes ta' dawn il-proceduri u ta' l-ittra interpellatorja spedita fit-18 ta' Marzu 2002 u tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' dan l-avviz."

Ra r-risposta tal-konvenuta:

"It-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt kif ser jigi ppruvat fil-kors ta' dina l-kawza u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur.

Salv eccezzjonijiet ohra."

Ra l-atti processwali li minnhom jirrizulta li:

1. L-attur xehed li huwa kien ipparkajat ftit 'l isfel mill-istabbiliment tal-irham ta' Sare' jhares fid-direzzjoni tan-Nadur fin-naha tal-lemin tat-Triq San Leonardu, Victoria, Ghawdex; dahal fil-karozza, libes is-seat-belt, hares ghal darba tnejn biex jesplora t-triq, ma ra lil hadd gej; qasam ghall-karreggjata tax-xellug u wara li lahaq ivvjagga circa tletin pied fid-direzzjoni tan-Nadur, gie investit mill-vettura tal-konvenuta minn wara. Bid-daqqa jghid li ntefa' mal-hajt li hemm fuq ix-xellug tat-triq.

2. L-attur kellu vizwali tat-triq imnejn kienet gejja l-konvenuta ghal distanza twila mijiet ta' metri.

3. Il-konvenuta, xehedet b'affidavit u giet kontro-ezaminata viva voce. Fl-affidavit (fol 40) xehdet li l-vizibilita' kienet normali, kienet qed isuq bi speed normali u mhux eccedenti l-50 kilometru fis-siegha. X'hin waslet fejn hemm liwja fit-triq lemhet lill-konvenut hiereg u qalet li *I could clearly see that plaintiff was looking in the direction of Nadur but did not look in my direction. I put my foot down on the brakes but unfortunately, I did not manage to avoid hitting him.*. Fil-kontro-ezami l-konvenuta indikat li rat lill-konvenut jaghmel il-manuvra tieghu minn tul ta' circa tletin pied.

4. Ma sarx skizz tal-incident mill-pulizija; l-anqas kien hemm terzi persuni li raw l-incident isehh.

Ikkunsidra;

Illi kull m'ghandu fuq x'hiex jistrieh it-Tribunal huma l-verzjonijiet rispettivi tal-partijiet kontendenti kif ukoll ir-ritratti esibiti li juru l-vetturi mahbuta.

Illi l-ewwel fattur li ghandu jigi kkunsidrat huwa l-fatt li l-attur *ex admissis* hareg minn posizzjoni stazzjonarja, u qasam minn karreggjata ghall-ohra sakemm gie quddiem il-karozza tal-konvenuta. Huwa jghid li, ghalkemm kellu vizwali tajba u fit-tul, ma rax lill-konvenuta, u m'gharafx jispjega l-ghala ma rahiex. Dan jitfa' piz kbir fuq il-konvenut, ghax juri bla dubbju li ma kienx qieghed attent, tant li ma rax dak li seta' jara bl-iktar facilita' qabel biddel id-direzzjoni tal-vettura tieghu u invada l-karreggjata tal-konvenuta. Min-naha l-ohra, il-konvenuta asseriet kategorikament li ratu jaghmel il-manuvra minn distanza ferm vicina ta' circa tletin pied, u li lemhitu jhares fid-direzzjoni l-ohra biss, cioe' fid-direzzjoni tan-Nadur u li ma harisx ukoll fid-direzzjoni tal-konvenuta.

Illi jirrizulta ghalhekk li l-konvenuta sabet lill-attur ma' wiccha u holqilha emergenza subitanea li ma kellha l-ebda opportunita' li tevita.

Illi l-konvenut ma jafx b'liema velocita' kienet gejja l-konvenuta, ghalkemm qieghed jimplika li kienet gejja bi speed eccessiv ghax wara l-habta huwa baqa' diehel gol-hajt fin-naha tax-xellug tal-karreggjata fejn sehhet il-habta. Izda l-piz tal-prova ta' dan qieghed fuq spallejn l-attur. Min-naha l-ohra, il-habta ma kinitx wahda kbira: il-bumper ta' quddiem tal-vettura tal-konvenuta jidher li baqa' *tale quale*, u dan ghalkemm bl-impatt il-bonnet tghaffeg bil-hsara kollha migbura fin-nofs tieghu. Il-gnub tal-vettura taghha ma gewx minsusa. Dan kollu jikkostitwixxi dik it-tip ta' hsara li tissejjah *centre front damage* li hija hsara li hija l-inqas severa skond is-Severity Index ta' Siegel addottata fl-Istati Uniti tal-Amerika, fejn ix-xjenza tar-rikostruzzjoni tal-accidenti tat-traffiku hija ferm avvanzata (ara Donald J Van Kirk, *Vehicular Accident Investigation and Reconstruction 2001 pagna 287)*. Il-hsara fil-vettura tal-attur hija wkoll principalment fuq wara, cioe' fuq ir-rear bumper u l-fanal ta' wara. Mal-gemb xellugi ta' wara hemm sbrixxatura, u hemm ukoll zbrixxatura fuq in-naha ta' quddiem tal-gemb xellugi tal-vettura fejn l-attur hakk mal-hajt. L-entita ta' din il-hsara hija wkoll mill-inqas severa u ghalhekk ma tindikax li l-impatt bejn iz-zewg vetturi kien wiehed kbir u cioe' tali li jipprova li l-konvenuta kienet gejja b'xi speed eccessiv. Anzi jindika il-kuntrarju. Tenut kont li l-attur kien isuq bi speed baxx hafna ghax kien ghadu kif jaqla' minn posizzjoni stazzjonarja, mentri l-konvenuta kienet gejja bi speed iktar gholi, id-daqqa fuq il-karozza tal-attur ma kinitx wahda kbira. Anke meta spicca mal-hajt, ma sehhitx xi hsara kbira.

Jigi osservat ukoll li l-fatt li l-hsara fil-vettura tal-konvenuta hija precizament fin-nofs ta' quddiem filwaqt li dik tal-attur hija migbura ghall-gemb xellugi ta' wara jindika wkoll li l-konvenut ma lahaqx dar ghal kollox meta sehhet il-habta.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li l-incident de quo sehh unikament tort tal-istess attur u konsegwentement jichad it-talbiet tieghu kif dedotti fl-avviz tat-talba, bl-ispejjez tal-istanti kontra l-attur.

(ft) Grazio Mercieca

Gudikatur
(ft) M'Jane Attard
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur